HAL BALZAN

IS-SEBA' SENA Nru. 41

MEJJU/ĠUNJU 1978

EDITORJAL

■ ŻEWĠ KARDINALI JŻURU ĦAL BALZAN

Ħal Balzan għandu ħafna paġni sbieħ fil-ġrajja tiegħu. Bosta nies kbar u magħrufin, kemm fil-qasam reliġjuż kif ukoll fil-qasam ċivili, żaru r-raħal tagħna u ħallew isimhom minqux fl-istorja tiegħu. Dan l-aħħar, kellna żewġ żjajjar kbar li żgur se jitniżżlu b'ittri tad-deheb fil-ġrajja tar-raħal maħbub tagħna. Dawn huma ż-żjajjar mill-Eminenzi tagħhom il-Kardinali Franz Koenig u Paul Zoungrana, li kienu fi gżiritna fl-okkażjoni tal-Kungress Bibliku li sar dan l-aħħar f'pajjiżna.

Il-Kardinal Franz Koenig, Arċisqof ta' Vjenna, fl-Awstrija, wasal Malta nhar il-Ħadd, 9 ta' April, u telaq il-Ħamis, 13 tax-xahar. Matul il-qagħda tiegħu f'Malta, il-Kardinal qagħad fil-villa ta' Dun Ġwann Dimech fi Triq il-Papa Alessandru VII. Il-Kardinal Paul Zoungrana, Arċisqof ta' Ouagadoogoo, Upper Volta, fl-Afrika, wasal Malta l-Ħadd ta' wara, 16 ta' April, u dam hawnhekk sas-Sibt, 22 mix-xahar. Tul il-ġimgħa li dam f'pajjiżna, il-Kardinal Zoungrana kien joqgħod f'Ħal Balzan, fil-villa tas-Sur u s-Sinjura A.V. Galea fi Triq San Franġisk.

Iż-żewġ Kardinali aċċettaw bil-qalb kollha l-istedina tal-Kappillan biex iqaddsu fil-Parroċċa tagħna. Huma qaddsu quddiesa konċelebrata mal-qassisin tal-Parroċċa u ma' xi qassisin oħra barranin, li kienu qegħdin jieħdu sehem fl-istess Kungress. Il-Kardinal Koenig qaddes nhar it-Tlieta, 11 ta' April, fil-għaxija; il-quddiesa kienet bl-Ingliż. Il-Kardinal Zoungrana qaddes bit-Taljan it-Tlieta ta' wara, 18 ta' April. Fil-messaġġi tagħhom lin-nies preżenti, huma wrew l-apprezzament u l-ferħ tagħhom għal-laqgħat li sarulhom f'Ħal Balzan. Il-Balzanin għal darb'oħra wrew is-sens ta' ospitalità li hija l-karatteristika tagħna l-Maltin.

(Rapport dettaljat ta' dawn iż-żewġ avvenimenti, kif ukoll taż-żewġ diskorsi mill-Kardinali, jiġu ppubblikati fil-ĦARĠA SPEĊJALI li jmiss).

■ IR-REBBIEGĦA, ŻMIEN IL-FJURI

Qatt daqs dan iż-żmien tas-sena Ħal Balzan ma jkun jidher qisu ġnien wieħed. Fir-rebbiegħa, il-ġonna jerġgħu jqumu għal ħajja ġdida wara r-raqda twila tal-jiem xitwin: il-pjanti u x-xtieli jibdew iwarrdu mill-ġdid u s-siġar tal-larinġ, diġà mimlija biż-żahar, jibdew jarmu fwieħa li tgħaxxaq, jistennew in-naħla bieżla tiġi żżurhom biex wara li ddakkarhom taħdmilna l-għasel bnin. Ħal Balzan minn dejjem kien imsemmi għall-ġonna sbieħ tiegħu. "Hortibus Undique Septa" (Imdawwar bil-ġonna minn kullimkien) igħid il-motto ta' dan ir-raħal kwiet u arjuż.

Meta nitkellmu dwar fjuri u ġonna, ma nistgħux ma nħeġġux lil kulħadd sabiex fostna jikber aktar is-sens ċiviku u hekk nieħdu ħsieb iżjed is-siġar u l-pjanti. Bosta Balzanin għandhom għożża kbira lejn is-siġar u kull xorta ta' pjanti, li jikkultivaw u jkabbru fil-btieħi u l-ġonna tagħhom. Dawn għandhom inisslu din l-istess imħabba f'uliedhom, ħalli dawn jitrawmu f'ċittadini li jagħrfu jieħdu ħsieb u jħobbu s-siġar u l-ħdura, mhux biss fi djarhom imma wkoll f'postijiet pubbliċi, sabiex pajjiżna jibqa' jħaddar u jimtela b'dan il-ġmiel naturali.

NOTA EDITORJALI:

Ngħarrfu lill-qarrejja li fin-Nota Editorjali fl-ewwel paġna tal-ħarġa Marzu/April, kellu jidher ukoll isem is-Sur Guido Borg, li huwa membru tal-Bord Editorjali. L-indirizz il-ġdid tas-Sur Borg huwa: 'Utopia', Triq Ġdida fi Triq Preca, Ħal Lija.

VITAFOAM
ISEM TA' GARANZIJA
PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMĦADED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OĦRA TAL-FOAM
Irrikorru:
VITAFOAM MALTA LIMITED
INDUSTRIAL ESTATE, SAN ĠWANN (B'KARA)
Telephone: 36275/76

L-Iskola Primarja tas-Subien il-Qadima

BINI TA' ZMIEN L-ORDNI

Kif tidħol fi Triq Sant'Antnin minn ħdejn il-Għassa tal-Pulizija, sewwa sew ħdejn il-bieb ta' fuq ta' San Anton, fuq ix-xellug, issib korp ta' bini li dari kien użat bħala Skola Primarja tas-Subien. Tgħid dan il-bini li hu eżatt fin-nofs, jifred lil Ħal Lija, Ħal Balzan u Ħ'Attard minn xulxin? Fil-fatt hemm tabella li tgħid li hemm hu l-bidu ta' Ħ'Attard.

IL-FAĊĊATA

Kif tħares fuq il-faċċata, mill-ewwel għandek tara li fiha 4 bibien — il-bieb prinċipali, li dari kellu għamla oħra u t-tibdil għadu jidher sal-lum, żewġ bibien żgħar, u bieb kbir li dari kien il-bieb tal-kavallerija, stalla fejn kienu jżommu ż-żwiemel, xi karrozzella jew xi kaless. Fuq il-bieb prinċipali hemm gallerija kbira u ddur tond, u taħtha preċiż lavur skolpit fil-ġebel bħala ornament imdawwar madwar medaljun li juri l-erwieħ tal-Purgatorju. Fuq dan il-medaljun hemm kuruna, u mill-ġnub tiegħu ħerġin speċi ta' ġwienaħ. Madwaru hemm xi kitba minquxa, iżda biż-żmien ittieklet għal kollox u llum minnha ma baqa' jidher xejn għajr żewġ kelmiet "Della Valletta".

Għalkemm dan il-bini llum qiegħed f'idejn il-Gvern, però r-renta tiegħu aktarx li titħallas għand il-knisja ta' l-Erwieħ fi Strada Merkanti, il-Belt. Fuq il-kantuniera ta' dan il-bini u anki fuq il-bieb ta' l-istalla hemm ras kbira ta' raġel tal-ġebel li lsienu barra qiegħed igħajjeb. Billi fl-antik in-nies kienu superstizzjużi ħafna, għalhekk kienu jużaw li fuq il-bibien iqiegħdu simboli koroh bħal dawn sabiex bil-kruha tagħhom ikeċċu l-għajn ħażina 'l bogħod mid-dar. Tgħid il-għajn il-ħażina tibża' minn figuri koroh?

Fuq il-bejt hemm dekorazzjoni kbira, skultura tal-ġebel li turi kanun u fjammi, u hemm xi żewġ postijiet li dari kellhom xi arma fihom u li biż-żmien l-arma spiċċat għal kollox u ma baqa' l-ebda ħjiel tagħha. Anki fuq ix-xifer tal-bejt hemm fjammi u balal tal-ġebel.



Il-faċċata ta' dan il-bini antik.

ISFEL

Kif tidħol, l-ewwel ma ssib intrata wiesgħa li fiha żewġ kmamar laterali kbar, iżda hi ħaġa tassew kurjuża kif dawn ma fihomx bieb. L-arkata għolja tagħhom, fiż-żmien li l-bini kien iservi ta' skola, kienet magħluqa minn bibien tal-ħġieġ. Fl-intrata hemm ukoll kamra oħra li kienet isservi bħala uffiċju tas-Surmast.

Mill-intrata toħroġ dritt għall-ġnien. Fuq il-ħajt tal-ġnien issib salib ta' San Ġwann u dekorazzjonijiet tal-ġebel li tnejn fosthom huma forma ta' qaqoċċa. Fuq il-ħajt kien hemm wiċċ tal-ġebel li biż-żmien ittiekel u ma baqax jingħaraf. Il-ħajt tal-ġnien jifred il-ġnien mill-ġnien tal-President iżda hemm żewġ bibien li jgħaqqdu ż-żewġ ġonna, wieħed imbarrat u l-ieħor jagħti għal setaħ żgħir bit-tarāġ għall-ġnien tal-Palazz. Dan il-bieb isibuh bħala l-Bieb tal-Kanċillier. F'dan il-ġnien għandek issib siġar tal-larinġ, lumi, tuffieħ u ħawħ. Fost is-siġar hemm waħda tagħmel frott speċjali, "Paradise Lemon". Fil-ġnien issib ukoll il-Bouganvilla u Ponsietta. Imbagħad għat-tisqija hemm bir u ħawt tal-ġebel li juri kif kien l-użu tat-tisqija fl-antik qabel ma bdew jintużaw il-muturi.

IT-TARAĠ

Kif taqbad tiela' t-taraġ, fis-saqaf tara emblema minquxa fil-ġebel li turi puttin (anġlu). F'idu l-waħda għandu għasfur u fl-oħra rota bil-ġwienaħ, li tfisser ir-rota taż-żmien li dan dejjem sejjer u ma jieqaf jistenna 'l ħadd. L-anġlu qiegħed bejn żewġt idniefel. Skond l-Araldiku, id-dniefel li jidhru fl-arma juru li l-persuna li ġġib dik l-arma kellha x'taqsam mal-baħħara u fl-Araldiku d-denfil hu l-aktar ħuta stmata u nobbli

• għal paġna 4

HARGA SPECJALI TAL-FESTA

Ngħarrfu lill-Balzanin u lill-qarrejja kollha li l-ħarġa li jmiss ta' Lulju/Awwissu se tkun ĦARĠA SPEĊJALI fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Annunzjata. Bħas-snin l-imgħoddija, din il-ħarġa se tkun b'aktar paġni, u se jkun fiha wkoll suppliment ta' erba' paġni bl-Ingliż.

Kull min jixtieq jibgħat xi kitba għall-pubblikazzjoni, sew bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż, għandu jibgħatha mhux aktar tard minn nhar il-Ħadd, 18 ta' Ġunju, fl-indirizz editorjali, jew inkella lil xi membru tal-Bord Editorjali.

"ĦAL BALZAN"

toħroġ kull xahrejn mill-
BORD EDITORJALI — "ĦAL BALZAN"

c/o Każin tal-Banda
'San Gabriel'
Ħal Balzan.

Stampata fil-
Lux Press
Ħamrun.

X'ĠARA FOSTNA

MARZU 1978

L-Eżerċizzi tar-Randan fil-Parroċċa komplew matul ix-xahar ta' Marzu. Fl-ewwel ġimgħa ta' dan ix-xahar, saru żewġ korsijiet, wieħed għan-nisa, li sar minn Dun Michael Agius, u l-ieħor għall-irġiel, minn Dun Feliċ Tabone.

Il-festa tad-Duluri tal-Madonna ġiet iċċelebrata nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Marzu. Minbarra l-quddies tas-soltu, saret quddiesa barranija fil-11 a.m. għall-kumdità ta' dawk li ma setgħux jisimgħu l-quddies ħin ieħor. Fis-6.00 p.m. ħarġet il-purċissjoni bl-istatwa devota ta' Marija Addolorata, li fiha ħadu sehem l-għaqdiet u numru kbir ħafna ta' nies. Wara, saret quddiesa bil-priedka minn Patri Anġeliku Busuttil, Tereżjan. L-għada, festa ta' San Ġużepp, il-quddies fil-Parroċċa kien bħal nhar ta' Ħadd.

Il-funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa bdew nhar il-Ħadd, 19 ta' Marzu, Ħadd il-Palm, bil-funzjoni tat-tberik taż-żebbuġ. L-Erbgħa ta' wara, bħas-snin l-imgħoddija, kellha ssir il-Via Sagra mat-toroq tal-Parroċċa, iżda din tħassret minħabba l-maltemp li għamel dak in-nhar; il-funzjoni saret fil-knisja.

Ħamis ix-Xirka u l-Ġimgħa l-Kbira kienu l-istess bħas-snin l-imgħoddija. Għal dawn il-funzjonijiet, kif ukoll għall-funzjonijiet ta' Sibt il-Għid, tqassam fid-djar tal-Parroċċa programm stampat. F'dan il-programm kien hemm ukoll id-dettalji dwar it-tberik tad-djar u l-familji tal-Parroċċa mill-Kappillan. Programm ta' din ix-xorta jgħin ħafna fl-organizzazzjoni ta' dawn l-attivitajiet ta' darba f'sena.

APRIL 1978

Il-festa liturġika ta' Marija Annunzjata, Patruna ta' Ħal Balzan, din is-sena ġiet iċċelebrata nhar it-Tnejn, 3 t'April, minħabba li l-25 ta' Marzu kien jaħbat Sibt il-Għid. Il-qniepen ħabbru l-festa sa mill-Ħadd f'nofs in-nhar. Il-Ħadd fil-għaxija saret mixegħla u l-Banda 'San Gabriel' għamlet marċ u daqqet programm għall-okkażjoni. It-Tnejn, jum il-festa, fit-8.00 a.m. saret quddiesa bit-tqarbin fil-knisja l-qadima tal-Lunzjata, fi Triq it-Tliet Knejjes. Fil-għaxija, fil-5.30 tkanta l-għasar bil-vuċijiet, u wara r-Rużarju u ċ-ċelebrazzjoni ewkaristika saret quddiesa kantata bil-vuċijiet.

Il-Ħadd, 9 t'April, ixxandret quddiesa mill-Parroċċa ta' Ħal Balzan minn fuq Cable Radio. Qaddes il-Kappillan, il-Kan. Karm Sciberras, megħjun minn Dun Ġużepp Zammit.

Żewġ okkażjonijiet verament sbieħ, anzi uniċi, fil-ġrajja tal-Parroċċa seħħew dan ix-xahar meta fil-Knisja Parrokkjali tagħna qaddsu żewġ Kardinali, li kienu Malta għall-okkażjoni ta' l-Assemblea Dinjija ta' l-Apostolat Bibliku. L-Eminenza Tiegħu Franz Koenig, Arċisqof ta' Vjenna, fl-Awstrija, qaddes nhar it-Tlieta, 11 t'April, fil-waqt li l-Eminenza Tiegħu Paul Zoungrana, Arċisqof ta' Ouagadoogoo, Upper Volta, fl-Afrika, qaddes it-Tlieta ta' wara, 18 tax-xahar. (Ara l-ewwel parti ta' l-Editorjal) Kienu verament żewġ okkażjonijiet kbar li żgur jitniżżlu b'ittri tad-deheb fl-istorja ta' Ħal Balzan.

COMBINED INDUSTRIES LIMITED

JOSEPH LICARI — TOBACCO DIVISION
Telephone: 24301

ARS VITREA — GLASS AND MIRRORS DIVISION
Telephone: 40323

UTILITY WOODWORKS — FURNITURE AND JOINERY DIVISION
Telephone: 42027

MALTA ALUMINIUM LIMITED
Telephone: 42027

100, ST. ANTHONY STREET, LIJA, MALTA.
Cable Address: Jolica, Malta.

IL-KNISJA PARROKKJALI (29)

SANT' ANNA

Din id-darba jmiss li niktbu dwar l-artal ta' Sant'Anna. Kellha tkun is-sena 1679, meta nsibu lil dan l-artal imsemmi għall-ewwel darba. Anzi, biex bħas-soltu nkunu preċiżi, infittxu u nqallbu l-Viżti Pastorali u nsibu li fir-relazzjoni tal-Viżta Pastorali li għamel lil din il-Knisja Parrokkjali l-Isqof Mons. Mikiel De Molina, nhar it-3 ta' Jannar 1679, igħidilna li dan l-artal ta' Sant'Anna hu kollu kemm hu tal-ġebel, li titla' għalih b'tarġa tal-ġebel ukoll,u li huwa miżmum tajjeb u li fuqu jista' jsir il-Quddies. Ikompli jiddeskrivi l-prospettiva ta' dan l-artal u jgħidilna li din hi mimlija kollha ornamenti ta' skultura fil-ġebel, kif ukoll li ħdejn il-kwadru hemm żewġ kolonni.

Il-kwadru, kif ikompli jgħid l-Isqof, fih impittra x-xbiha ta' Sant'Anna, tal-Madonna u ta' San Ġwakkin. Fil-parti ta' fuq tal-kwadru jidher il-Missier Etern u għadd ta' Anġli.

Fir-relazzjoni fuq imsemmija, insibu wkoll li dan l-artal hu ta' ġuspatronat ta' Gio Marija Frendo u ta' Beneditt Borg.

Insibu wkoll li fuq dan l-artal isiru l-Primi Vespri u Quddiesa Kantata fil-festa ta' Sant'Anna u ta' l-Immakulata Kunċizzjoni.(1)

L-ISQFIJIET U DAN L-ARTAL

L-Isqfijiet ftit jew xejn kellhom tagħrif x'jagħtuna dwar dan l-artal ta' Sant'Anna, għajr dak li ħallielna l-Isqof De Molina kif rajna aktar 'il fuq. Għalhekk għal mitt sena sħaħ l-Isqfijiet li għamlu ż-żjarat pastorali tagħhom lil din il-Knisja Parrokkjali kollha qalu l-istess ħwejjeġ dwar dan l-artal.

Biss l-ewwel Isqof li għamel osservazzjoni dwar dan l-artal, wara dan iż-żmien, kien l-Isqof Vincenzo Labini fid-9 ta' Ġunju 1781, meta talab li ħdejn l-artal issir xkaffa biex fuqha jitqiegħdu l-impulluzzi.(2)

L-istess Isqof Labini, fil-Viżta tal-20 ta Diċembru 1789, talab li għal dan l-artal isir vent'artal abjad.(3)

Sentejn wara, dan l-Isqof, Mons. Labini, reġa' għamel Viżta Pastorali oħra, jiġifieri dik tat-12 ta' Diċembru 1791, u dak in-nhar talab li dan l-artal ikollu Kurċifiss aħjar.(4)

L-Isqof Mons. Pietru Pace, fil-Viżta Pastorali tat-30 ta' Settembru 1906, sejjaħ lil dan l-artal bħala l-artal ta' San Ġwakkin. Talab ukoll li l-kwadru żgħir li hemm fil-ġenb ta' dan l-artal u li fih ix-xbiha tad-Duluri ta Marija Santissma, jitgħatta.(5)

IL-FESTA TA' SANT'ANNA

Il-festa liturġika ta' Sant'Anna kienet u baqgħet, skond it-tiġdid tal-Kalendarju, nhar is-26 ta' Lulju.(6)

Skond tradizzjoni antika sa mis-seklu 2, dan kien l-isem ta' Omm il-Madonna. Sant'Anna fis-seklu 6 kienet ġa miqjuma fil-lvant, u fis-seklu 10 il-kult tagħha xtered fil-punent ukoll. Hekk naqraw fid-daħla tal-festa ta' din il-qaddisa fl-Uffiċċju Divin.(7)

Fil-knisja tagħna nsibu li din il-festa ta' Sant'Anna kienet tiġi ċċelebrata nhar is-26 ta' Lulju. Kienu jsiru l-Primi Vespri u l-Quddiesa Kantata. Nhar is-26 ta' Lulju 1707 iffunzjona Dun Marju Tonna. Fis-sena 1709 iffunzjona Dun Ġużepp Frendo u fl-1713 mexxa ċ-ċelebrazzjonijiet Dun Marju Said.(8)

IL-FESTA TA' SAN ĠWAKKIN

Il-festa ta' San Ġwakkin sas-sena 1971 kienet tiġi ċċelebrata nhar is-16 ta' Awissu.(9) Iżda mis-sena 1972 beda jintuża l-kalendarju l-ġdid. Għalhekk insibu li l-festa ta' San Ġwakkin bdiet issir flimkien ma' dik ta' Sant'Anna, nhar is-26 ta' Lulju.(10)

SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN
Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH

Skond tradizzjoni antika sa mis-seklu 2, San Ġwakkin kien il-missier tal-Madonna. Il-kult ta' San Ġwakkin hu aktar reċenti minn dak ta' Sant'Anna.(11)

Il-festa ta' San Ġwakkin tiġi ċċelebrata bil-Primi Vespri u Quddiesa Kantata, li fiha ssir priedka dwar dan il-qaddis.

L-OBBLIGI

Ma' dan l-artal hemm ukoll, bħal ma nsibu ma' artali oħra, xi obbligi. Illum dawn l-obbligi ma jistgħux isiru kif inhuma kkontemplati fl-atti u fit-testmenti, għaliex il-flus li kienu mħollija huma ftit wisq biex wieħed jista' jwettaq dawn l-obbligi. Iżda llum jitħallew li l-flus jinġabru u kull tant żmien isir dak li jkun mitlub minn min ħalla l-flus.

Fl-1680 ġiet imħollija li titqaddes quddiesa baxxa kull nhar ta' Tlieta fuq l-artal ta' Sant'Anna għal ruħ il-mejjet Gio Maria Frendo.(12)

Skond l-Atti tan-Nutar Xmun Attard f'Mejju 1693, Beneditt Borg ħalla piż fuq l-art magħrufa "Ta' Ċialpas" biex titqaddes quddiesa letta kull nhar ta' Tlieta wkoll fuq l-istess artal ta' Sant'Anna.(13)

PROKURATURI

Insibu li l-Prokuraturi ta' dan l-artal mis-sena 1681 sal-1690 kienu Dun Ġużepp Frendo u Beneditt Borg u sas-sena 1707 insibu lil Dun Ġużepp Frendo waħdu.(14)

IL-KWADRU TAL-KUNĊIZZJONI

L-Isqof Alpheran De Bussan, fil-Viżta ta' l-1 ta' Mejju 1736, igħid li fil-għoli, fil-prospettiva ta' l-artal ta' Sant'Anna, hemm kwadru żgħir li fih ix-xbiha tal-Immakulata Kunċizzjoni.(15)

Il-festa tal-Kunċizzjoni kienet tiġi ċċelebrata fuq dan l-artal bil-kant tal-primi vespri u Quddiesa Kantata. Dan l-obbligu ħallieh Gio Maria Frendo fl-Atti tan-Nutar Xmun Attard fis-sena 1676.(16)

Nhar it-8 ta' Diċembru, festa tal-Kunċizzjoni, tal-1707 kien iffunzjona Dun Marju Tonna.(17)

Illum dan il-kwadru tal-Kunċizzjoni jinstab imqiegħed fil-prospettiva ta' l-artal ta' San Mikiel Arkanġlu. Minflok il-kwadru tal-Kunċizzjoni, illum hemm il-kwadru ta' San Franġisk Saverju. Il-festa ta' San Franġisk Saverju ssir nhar it-3 ta' Diċembru. Dak in-nhar titqaddes Quddiesa Kantata mħollija minn Maddalena Schembri.(18) Wara l-qari tal-Evanġelju ssir priedka fuq il-qaddis imħollija minn Suor Rosalea Caruana.(19)

L-ARTAL TA' SANT'ANNA LLUM

Illum naraw lil dan l-artal ta' l-irħam u l-kwadru qiegħed bejn żewġ kolonni ta' l-irħam griżi u prospettiva kollha rħam. Ix-xogħol ta' dan l-artal tar-rħam sar minn C. Baldacchino. Dan l-artal huwa armat tajjeb, bħal ma huma armati l-artali l-oħra kollha. Quddiem dan l-artal jintrama wkoll lampier tal-fidda mħolli, bħal ma huma mħollijin bosta ornamenti, mill-familja Frendo. Fis-sena 1962 is-sinjura Vincenza Dimech ħallset għat-terħa l-ħamra rrakkmata bid-deheb li tintrama fil-festa titulari.

• għal paġna 3

STARLETS

284, HIGH STREET, BALZAN

STATIONERY, TOYS, PAPER BACKS,

NEWSPAPERS AND CIGARETTES

Telephone: 41644

R.I.P.

MONS. F.S. ZAHRA

(1888-1978)



Meta ġa konna morna għall-istampa, tħabbret il-mewt ta' Monsinjur Franġisku Saverju Zahra, ex-Kappillan ta' Ħal Balzan. L-aħbar tal-mewt tiegħu, li ġrat fid-dar tiegħu f'Ħal Balzan fil-għodwa ta' nhar is-Sibt, 13 ta' Mejju, xterdet mar-raħal kollu bħal leħħa ta' berqa. Il-Balzanin kollha tnikktu għall-mewt ta' Mons. Zahra, li ħafna jiftakruh bħala Kappillan żelanti u ħabrieki, l-aktar tul is-snin tal-gwerra meta l-popolazzjoni ta' Ħal Balzan kotrot bil-bosta minħabba l-għadd kbir ta' refuġjati li ġew f'dan ir-raħal. Il-Kappillan Zahra mexxa l-Parroċċa ta' Ħal Balzan għal aktar minn 26 sena, bejn Awwissu 1923 u Novembru 1949. Fi żmienu saru ħafna opri ta' siwi fil-Parroċċa. Wara li spiċċa minn Kappillan, huwa nħatar Monsinjur Kanonku tal-Kattidral, iżda huwa baqa' xorta waħda jagħti s-sehem tiegħu fil-Parroċċa, l-aktar permezz tal-qrar. Il-funeral tiegħu, li sar nhar it-Tnejn, 15 ta' Mejju, kien xhieda ħajja tal-qima u r-rispett li Mons. Zahra kien igawdi fost il-Balzanin. Niftakru fih fit-talb tagħna biex il-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem.

Fil-ħarġa li jmiss nippubblikaw apprezzament fit-tul ta' Mons. F.S. Zahra u l-ħidma tiegħu fil-Parroċċa.

Matul is-Snin (2)

Il-Logotenenti u d-Deputati tagħhom (1815-1839)

Sa minn żmien l-Ordni ta' San Ġwann, insibu li f'kull raħal kien jinħatar uffiċjal li kien jirrappreżenta l-Gvern u li kien ikollu ċerti poteri. Din is-sistema tkompliet ukoll taħt l-Ingliżi, u nsibu li f'Malta dawn l-uffiċjali kienu jissejħu Logotenenti, filwaqt li f'Għawdex kienu jissejħu Sindki.(1)

Il-Gvernatur Sir Thomas Maitland (1813-1824), li għamel bosta riformi matul l-amministrazzjoni tiegħu, għamel ukoll riforma f'dan il-qasam. Bi proklama bid-data tal-5 ta' Ġunju 1815, neħħa l-uffiċċji li kienu jeżistu ta' Logotenent f'Malta u ta' Sindku f'Għawdex u daħħal sistema ġdida. Skond din is-sistema, Malta u Għawdex kellhom jiġu maqsuma f'sitt distretti, u fuq kull distrett kellu jkun hemm uffiċjal bit-titlu ta' "Luogotenente del Governo" li kellu dejjem jintgħażel minn fost il-klassi tan-nobbli. Iżda bl-istess proklama, dawk kollha li issa kienu ġew tilfu l-impieg ta' Logotenent jew Sindku kellhom jibqgħu jaqdu l-istess dmirijiet bl-istess ħlas bħal qabel bit-titlu ta' "Deputati del Luogotenente".(2)

Il-Logotenenti l-ġodda u d-deputati tagħhom inħatru bi proklama bid-data tal-25 ta' Ġunju 1815. Fost is-sitt distretti li fihom ġew maqsuma Malta u Għawdex, insibu d-"Distretto di Sant'Antonio", li kien jiġbor ġewwa l-limiti tiegħu lil Birkirkara, in-Naxxar, Ħal Għargħur, Ħal Lija, Ħ'Attard, u Ħal Balzan. Bħala logotenent ta' dan id-distrett inħatar il-Konti Romualdo Barbara, u bħala Deputat Logotenent f'Ħal Balzan insibu lil Giuseppe Frendo.(3) Frendo baqa' fil-kariga ta' Deputat Logotenent ta' Ħal Balzan sal-1839, jiġifieri meta ġie abolit dan l-uffiċċju.(4)

(1) Malta Govt. Gazzette, 7-VI-1815.
(2) Ibid.
(3) Ibid. 28-VI-1815.
(4) Ibid. 15-VII-1839, 16-VIII-1839.

W.L. ZAMMIT M.A.

MATUL IS-SNIN

Il-Bord Editorjali, f'isem il-qarrejja kollha, jixtieq jirringrazzja lis-Sur Winston L. Zammit B.A.(Hons.), M.A. għal din is-sensiela interessanti li qed jiktbilna u li bdiet tidher mill-ħarġa li għaddiet.

ROKNA GHAT-TFAL

Tfal għeżież,

Issa li qed joqrob iż-żmien tas-sajf u t-tfal kollha ġa qed iħossu l-ferħ u l-pjaċir tal-baħar, ħassejt li għandi niktbilkom kelmtejn ta' twissija dwar l-imġieba tagħkom fil-għawm.

Tista' tgħid li f'kull sajf dejjem jegħrqu xi tfal, bniet jew subien, u meta wieħed jistudja l-kawża tal-għarqa tagħhom spiss isib li kien hemm xi traskuraġni jew nuqqas ta' ħsieb.

Intom tafu, tfal, xi jgħid il-qawl: "Il-baħar żaqqu ratba imma rasu iebsa". Dan juri li l-periklu fil-baħar hu ferm ikbar minn dak fuq l-art.

Għalhekk ħadd m'għandu jinżel igħum fil-baħar jekk qabel ma jkunx ċert li jaf igħum tajjeb. Li tkun taf tgħum tajjeb ma jfissirx li ma tistax tegħreq; għalhekk xorta waħda trid toqgħod attent u taħrab dak kollu li jista' jservi ta' ħsara.

Min ikun kiel mhux ħażin ma jagħmilx tajjeb li jinżel igħum malajr, għax l-istonku tiegħu jkun irid ftit tal-mistrieħ biex isajjar dak l-ikel. Jekk dak il-ħin tinżel tgħum, minflok isserrħu aktar tgħajjih u jista' jħossok ħażin. Jekk jiġri dan, xejn ma jiswa li tkun taf tgħum tajjeb.

Ħafna drabi tifel li jaf igħum issibu jiċċajta goff fil-baħar ma' min ikun jaf igħum inqas minnu. Mhux l-ewwel darba li ċajt bħal dan kien kawża li xi tfal għerqu. Iċ-ċajt bl-idejn fil-baħar hu ferm perikuluż u mhux ta' min ifaħħru.

Ikun qed jissogra ħafna min joħroġ ferm 'il barra fil-għawm tiegħu, iktar u iktar jekk ikun waħdu. Jekk jinqalagħlu xi ħaġa mhux faċli li tasallu għajnuna malajr.

Xi tfal meta jkunu fuq xatt il-baħar jinsew l-edukazzjoni kollha. Tarahom jinżgħu quddiem l-oħrajn kif ġie ġie, kull bott vojt li jkollhom jarmuh fl-art, ikissru mal-blat kemm isibu fliexken, u jxerrdu 'l hawn u 'l hinn il-qxur tal-frott li jkunu kielu. Tfal bħal dawn mhux ta' min ifaħħarhom u jagħmlu isem ħażin lil pajjiżhom.

Għalhekk, tfal għeżież, qisu li fil-għawm tagħkom iġġibu ruħkom bil-għaqal u bl-edukazzjoni, biex mhux biss tieħu pjaċir intom, iżda wkoll tagħtu gost lil ħaddieħor.

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal,

Bil-għajnuna ta' Alla, erġajna wasalna għal kompetizzjoni oħra. Ħsibna li għal din id-darba nibdew ħaġa li għadha ma dehret qatt fil-kompetizzjonijiet li hejjejnielkom sa issa. Niġu mela għall-kompetizzjoni tagħna. Għandkom il-kelma **"ADORAZZJONI"**. Din b'kollox fiha ħdax-il ittra. Li tridu tagħmlu intom hu dan, li tiffurmaw kliem b'xi wħud minn dawn l-ittri, ngħidu aħna bi tliet ittri, b'erbgħa, jew b'iżjed. Tridu toqogħdu attenti li tużaw l-ittri li jinsabu biss fil-kelma li tajniekom. Ma nistak nikteb, per eżempju, il-kelma "arana", għax fil-kelma "adorazzjoni" hemm żewġ "a" u mhux tlieta. Naħsbu li fhimtu xi tridu tagħmlu. Mela ppruvaw oħorġu għaxra minn dawn il-kelmiet li tistgħu tgħaqqdu b'xi wħud minn dawn il-ħdax-il ittra li jinsabu fil-kelma "Adorazzjoni". Nafu li hemm żgur aktar minn tliet darbiet in-numru li tlabniekom.

Bħas-soltu, ibagħtu l-kompetizzjoni tagħkom f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda San Gabriel, jew impustawh intom stess fil-letter box ta' l-istess Każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 10 ta' Ġunju, 1978.

L-għaxar qwiel li kellkom tiktbu fl-aħħar kompetizzjoni kienu dawn:

1. Għal kull għadma hawn mitt kelb.
2. Il-ħmar il-magħkus idur għalih id-dubbien.
3. L-ajru għandu għajnu u l-ħajt għandu widintu.
4. Il-baħar rasu iebsa u żaqqu ratba.
5. Awwissu x-xemx taħarqu u x-xita tmissu.
6. Min jidħol bejn il-basla u qoxritha jibqa' b'reħitha.
7. Wara l-beraq jiġi l-meraq.
8. Bin is-sengħa għandu nofsha.
9. Il-ħanżir taqtagħlu denbu ħanżir jibqa'.
10. Il-ġarra ġejja u sejra fl-aħħar tinkiser.

Ir-rebbieħa ta' din il-kompetizzjoni kienet Marcelle Chetcuti, li toqgħod f'17, Triq Santa Marija, Balzan. Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulha.

SANT' ANNA

• minn paġna 2

RIFERENZI

1. DE MOLINA M.H.: Visit. Past. fol 114.
2. LABINI V.: Visit Past. fol 289.
3. LABINI V.: Visit. Past. fol 118.
4. LABINI V.: Visit. Past. fol 120.
5 PACE P.: Visit. Past. fol 58.
6. Rubricae Breviarii et Missalis Rom. p. 105.
7. Liturġija tas-Sigħat p. 1809.
8. ARKIV. PARR.: Lib. 41.
9. Ordo Divini Officii Persolvendi 1971 p. 87.
10. Ordo Divini Officii Persolvendi 1972 p. 70.
11. Liturġija tas-Sigħat p. 1809.
12. ARKIV. PARR.: Lib. 41.
13. ARKIV PARR.: Lib. 41 fol 351.
14. ARKIV. PARR.: Lib. 41.
15. ALPHERAN P.: Visit. Past. fol 330.
16. ARKIV. PARR.: Lib. 41 fol 11.
17. ARKIV. PARR.: Lib. 11.
18. ARKIV. PARR.: Lib 68 Ven. Lamp.
19. ARKIV. PARR.: Lib. 69 Punta.

ĦINIJIET TAL-QUDDIES FIL-KNISJA PARROKKJALI TA' ĦAL BALZAN

Nhar ta' Ħadd: 6.00, 7.30, 8.30, 9.30 u 11.30 a.m. 5.30 p.m.

Nhar ta' xogħol: 6.00, 6.30, 7.15 u 8.30 a.m. 6.30 p.m.

MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

Saru membri tal-Ġisem ta' Kristu bil-Magħmudija

Nicolette Baldacchino, bint John u Antoinette.
Eleanor Azzopardi, bint Richard u Josephine.
Ludwig Galea, bin Austin u Sylvana.
Jason Calleja, bin Anthony u Nancy.
Michael Zammit, bin Alfred u Maris.
Marie-Anne Phillips, bint Christopher u Joyce.
Anthony Micallef, bin John u Carmen.
Rosanne Bonaci, bint Alfred u Rose Mary.
Natasha Mercieca, bint Joe u Mary Rose.
Louise Rita Vassallo, bint Joe u Dorothy.
Fabianne Caruana, bint Paul u Vicky.
Mark Montebello, bin Lawrence A.&C.E. u Maria.

Qaddsu l-imħabba tagħhom bi żwieġ nisrani

Charles Borg u Doris Buhagiar.
Edward Chetcuti u Silvia Agius.

Ingħaqdu mal-Ħallieq għal dejjem

Frank Gauci Borda.
Suor Maria Consiglia De Gabriele, tas-Sorijiet tal-Karità.
Carmela Zammit.
Anna M. Buhagiar.
Rosina Mizzi.
Manwel Mifsud.
Francesca Valenzia (tarbija).
Annunziata Muscat.
Vincenza Riccardi.
Robert Murray.
Franġiska Grech.
Joseph Zerafa.
Manwela Gatt.
Valerie Agius.
Speditu Cutajar.
Suor Mabel Parlato, tal-Franġiskani Missjunarji ta' Marija.

L-ISKOLA PRIMARJA TAS-SUBIEN IL-QADIMA

BINI TA' ZMIEN L-ORDNI

• minn paġna 1

fost il-ħut kollu, u ta' min isemmi wkoll li l-Gran Mastru De Paule kien biegħ parti mill-bini ta' San Anton biex dak li jidħol imur għall-ispejjeż tal-Galera. Minn jaf jekk din hix l-arma tal-kavallier li bena jew xtara dan il-post?

Sewwa sew faċċata tat-taraġ hemm niċċa tal-ġebel li turi l-Ispirtu Santu, taħt forma ta' ħamiema, imdawwar b'raġġi twal u bi tmien anġli. Fil-bidu aktarx li kien hemm xi statwa tal-magħmudija ta' Ġesù.

Din turi ċar li l-post darba kien tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Int u ddur, skolpiti fil-ħajt tal-faċċata tara medaljuni kbar dekorati bil-weraq tal-qoton u fihom tidher persuna bl-ilbies differenti. Is-saqaf hu miżmum minn pilastru msejjaħ Atlantis u jippreżenta skjav qiegħed jerfa' l-piż tal-bini. L-iskjav liebes ġild t'annimal, b'idejh marbuta wara b'katina. Preċiż fuqu hemm post t'arma b'kuruna fuqu, iżda l-arma għebet għal kollox.

FUQ

Fuq il-bieb prinċipali li jagħti għas-sala, hemm post ta' skrizzjoni kbira u li llum ma jidher xejn jew għax tneħħa jew inħeba taħt it-tibjid. Tarġa', hemm post li fih darba kien hemm xi arma mdawra bir-raġġi. Din is-sala hi kbira ħafna u fit-tarf hemm bieb wiesa' li jagħti għall-kamra żgħira u madwar dan il-bieb hemm tużell miżmum mill-anġli u li juri li din is-sala darba kienet il-kappella tal-post. Din is-sala għamlet żmien tintuża daqqa bħala klassijiet għat-tfal u daqqa bħala kappella f'okkażjoni ta' quddies, u ċerimonji oħra.

Jekk naslu biex nistaqsu meta u minn min inbena dan il-post jew għalfejn kien iservi, naħseb li nsibuha daqsxejn diffiċli biex nieħdu tweġiba ċerta. Ħafna nies taw l-idea tagħhom iżda ma tantx qablu bejniethom. Is-Sur Victor Denaro, tas-"Sunday Times of Malta" u s-Sur Leopardi ex. Asst. Lib. fil-Biblijoteka ta' Malta qablu li f'dan il-post kienet toqgħod il-Kontessa Fontani, waqt li s-Sur Mario Agius (minn Ħal Lija) u s-Sur Alfie Guillaumier igħidu li fir-Residenza dei Cavalieri hemm miktub li f'dan il-post kien joqgħod il-Kanċillier ta' l-Ordni kif tabilħaqq hemm bieb li jissejjaħ tal-Kanċillier.

Iżda milli jidher it-taqsim u d-daqs tal-kmamar ta' dan il-post ftit u xejn kienu addattati biex igħixu fih żewġ persunaġġi hekk għolja. Allura seta' qatt li dawn is-sinjuri jgħixu f'dar hekk bla taqsim? Idea oħra tas-Sur Francis Bezzina, ex. surmast ta' l-iskola, hi li dan il-post kien dar il-kenn ta' Kavallieri xjuħ (house for the aged knights) fejn kienu jgħixu ftit għall-arja u s-sala ta' fuq kienet isservi bħala dormitorju u kappella biex ikollhom kollox magħhom. Milli jidher din kienet l-iktar idea possibbli, għax fil-fatt f'xi dokumenti tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan jinstab li dak il-post kien sptar (Ospedale di Sant'Antonio) u hemm dokument ukoll li juri li minn hemm ħareġ funeral ta' xi bniedem xiħ.

La dan il-post kien jinfed mal-Palazz ta' Sant'Anton u la hemm dokumenti fejn juru li l-blokk bini ta' dan il-palazz kien wisq ikbar u li xi parti minnu ġiet mibjugħa biex jinfdew l-ispejjeż tal-Galera, allura mhux aktarx li dan il-post ġie mibni flimkien meta nbena l-palazz ta' Sant'Anton mill-Gran Mastru De Paule?

SKOLA

Wara żmien l-Ordni, din il-villa nbidlet fi skola fejn kienet tilqa' fi ħdanha s-subien u l-bniet ta' Ħal Balzan, Ħal Lija u Ħ'Attard. Id-data sewwa meta din il-villa bdiet bħala skola ma nafuhiex iżda fil-Faurè nsibu li kif ġew il-Franċiżi f'Malta huma ħarġu l-ewwel għaxar ordnijiet. It-tmien waħda fosthom, li ħarġet fit-18 ta' Ġunju 1798, kienet tgħid hekk: "Ikunu stabiliti f'Malta u Għawdex ħmistax-il skola Primarja bit-tagħlim tal-Franċiż, Aritmetika, Nawtika, Morali u Kostituzzjoni Franċiża u ssir skola ċentrali f'Malta flok l-Università b'seba' professuri." Li din l-iskola kienet ta' mportanza kbira nafu. Tgħid kienet waħda minn dawk il-ħmistax-il skola li semmejna hawn fuq? Fl-antik din l-iskola kienet Liċeo u skola ta' taħriġ (Training School) ukoll. Meta saret skola Primarja, is-sular ta' fuq kien għas-subien u t'isfel għall-bniet. Fl-1838 il-bniet infirdu u marru fi skola għalihom. Wara żmien, it-tfal ta' Ħ'Attard infirdu wkoll u marru fi skola għalihom f'Ħ'Attard stess u din baqgħet biss għas-subien ta' Ħal Lija u Ħal Balzan. Din l-iskola ġie li kellha viżti minn bosta nies għolja u illustri. Fl-1890 u 1891 kellha żjara minn Lady Strickland. Fl-1917 u 1918 kellha żjara mill-Eċċ. Tiegħu l-Gvernatur W.C.F. Robertson. Fl-1931 żarha l-Eċċ. Tiegħu Sir Charles Bonham Carter u fl-1950 l-Eċċ. Tiegħu Sir Gerald Creasy. Kellha wkoll diversi viżti pastorali mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Michael Gonzi fl-1946 u fl-1957.

Dan il-bini, li llum huwa dar privata, baqa' jservi ta' skola sal-1974 meta fetħet l-Iskola Primarja l-ġdida.



Il-gallerija tal-ġebel fuq il-bieb ewlieni, bil-bażi kollha skoltura.

Dekorazzjoni trijonfali tal-ġebel li tiddomina l-faċċata, li turi kanun u fjammi u żewġ armi li llum ma fadal l-ebda ħjiel tagħhom.



CORDINA HALL

CARMEL STREET, BIRKIRKARA

TINKERA GĦAT-TIĠIJIET, ENGAGEMENTS U KULL OKKAŻJONI OĦRA.

Aħsbu kmieni għall-Booking
Telephones: 42093, 40183, 22254

Jew applikaw għand:

F. CORDINA & SONS

CORDINA SHOWROOM

Bishop Labini Street, Birkirkara

BIG BEN

Prop: A. GAUCI

21, 23, MAIN STREET, BIRKIRKARA

Telephone: 40012

THE LEADING HOUSE FOR

GENTS' & LADIES' WEAR

INTI LI QIEGĦED TAQRA...

- X'jidhirlek mill-gazzetta "Ħal Balzan"?
- Qed issib xi kitba fiha li tolqtok aktar minn kitbiet oħrajn?
- X'tip ta' artikoli tixtieq tara fiha?
- Ibgħat is-suġġerimenti tiegħek f'dan l-indirizz: "Ħal Balzan", c/o Każin tal-Banda 'San Gabriel', Ħal Balzan.
- Jekk għandek xi kitba għall - pubblikazzjoni, jew xi offerta ta' flus, aħna nilqgħuhom bil-ferħa.

PROFILI BALZANIN — 11

DUN GUZEPP ZAMMIT



Dun Ġużepp Zammit twieled l-Isla fit-13 ta' Settembru, 1923, minn Salvatore u Ester, imwielda Camilleri.

Hu rċieva l-edukazzjoni primarja fil-"Govt. Elementary School" ta' l-Isla u minn hemm għadda għall-Lyceum fejn ħa l-edukazzjoni sekondarja. F'Ġunju 1940 beda jagħmel l-eżami tal-Matrikola, iżda minħabba l-bidu tal-gwerra kellu jkomplih f'Settembru ta' l-istess sena.

Dun Ġużepp, flimkien mal-familja tiegħu, kellhom jitilqu mill-Isla, imma meta l-air raids Taljani "indraw" reġgħu niżlu l-Isla u baqgħu hemm sakemm, għal darb'oħra, kellhom jerġgħu jħallu l-Isla, din id-darba definittivament wara l-attakk tal-Luftwaffe fuq l-'Illustrious' tas-16 ta' Jannar 1941. Tlett ijiem wara niżlu Ħal Balzan, fejn għadhom sal-lum.

Kien hawnhekk li ħass is-sejħa għas-saċerdozju, għalhekk fl-1942 beda l-kors talletteratura, u fl-1945 dak tat-Teloġija fl-Università Rjali ta' Malta, fejn ħa l-grad tal-Liċenzjat tat-Teoloġija (Lic.D.). Ġie ordnat saċerdot minn Mons. Arċisqof M. Gonzi, fit-2 ta' April, 1949, fil-Konkatidral ta' San Ġwann u ċċelebra l-ewwel Quddiesa Solenni f'Ħadd il-Għid fil-Parroċċa tagħna.

Ftit wara l-Ordinazzjoni, ġie maħtur Assistent Ekkleżjastiku taċ-Ċirkolu "Kristu Re", li tiegħu kien diġà President qabel ma daħal is-Seminarju. Minn hawn intbagħat fiċ-Ċirkolu "Regina Pacis" tax-Xebbiet, fejn f'Novembru li ġej, jekk Alla jrid, jagħlaq 25 sena bħala Assistent Ekkleżjastiku ta' din il-fergħa.

F'Ottubru tal-1949, l-Arċisqof sejjaħlu biex igħallem fis-Seminarju, fejn għadu sal-lum igħallem il-matematika fil-Forms IV u V. Għamel ukoll ftit snin igħallem il-ġeografija, kemm fis-Seminarju u kemm fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi.

Dun Ġużepp hu wkoll Teżorier tal-Konferenza "S. Vinċenz de Paule" tat-tliet irħula, u anke 'Parish Recruiter' tal-Vokazzjonijiet fil - parroċċa tagħna.

TINSEWX TAGĦTU XI KONTRIBUZZJONI GĦALL-GAZZETTA 'ĦAL BALZAN'